**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2024

Rikors Ġuramentat: 89/21AL

**A B**
U C D E

**vs.**

**F D G E magħruf ukoll bħala F D E**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ta' A B li permezz tiegħu ppremettiet illi:

*1. Illi l-partijiet kienu żżewġu nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin u mill-imsemmi*

---

[1] Fol. 1.

*żwieġ kellhom wild bl-isem ta' C D E, mwielda fl-elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) u għalhekk llum hija maġġorenni;*

*2. Illi peress lil l-imsemmija wild hija maġġiorenni, għal kull buon fini hija qiegħdha wkoll parti f'dina l-kawża;*

*3. Illi l-partijiet konjugi sseparaw permezz ta' separazzjoni bonarja in atti n-Nutar Dr. Nicholas Vella nhar it-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999); (ara kopja tas-separazzjoni tal-partijiet annessa u mmarkata Dok A);*

*4. Illi skont klawżola 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet (Dok A ġia anness), l-intimat kellu obbligu li jivversa manteniment favur il-minuri tal-partijiet fl-ammont ta' ħmistax-il lira Maltin (LM15) kull ġimgħa;*

*5. Illi l-intimat missier qatt ma vversa ċenteżmu wieħed f'manteniment għat-trobbija ta' bintu fi tnejn u għoxrin sena sħaħ u għadu sal-llum jippersisti li ma jħallasx.*

*6. Illi għaldaqstant dak kollu pattwit f'dan l-att pubbliku qatt ma ġie onorat da parti tal-intimat;*

*Ir-Raġuni għat-Talba*

*7. Illi l-esponenti pproċediet bil-proċedura ta' medjazzjoni iżda l-intimat kien inadempjenti u baqa jippersisti li ma huwiex ser jivversa l-ebda manteniment kif minnu dovut. Għaldaqstant, il-medjazzjoni ingħalqet u l-esponenti ġiet awtorizzata li tipproċedi bl-istanti permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 27 ta' Jannar, 2021; (ara digriet anness u mmarkat Dok B);*
*8. Illi inoltre s-somma indikata bħala manteniment indikat fl-att tas-separazzjoni hija waħda kompletament inġusta u ċertament ma tirrispekkjax ir-realta' dwar kemm għandu jkun manteniment xieraq għat-trobbija ta' wild, speċjalment*

*f'ċirkostanzi fejn il-missier kien totalment assenti mir-responsabbiltajiet tiegħu versu l-wild;*

*9. Illi l-intimat kien interpellat diversi drabi sabiex iħallas manteniment adegwat tal-minuri inkluż l-arretrati tal-istess iżda baqa' inadempjenti;*

*10. Illi għalhekk qiegħed isir dan ir-rikors ġuramentat.*

*11. Illi dawn il-fatti huma a konoxxenza diretta tar-rikorrenti.*

*It-Talbiet*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħdin, għar-raġunijiet suiċitati, jitolbu bir-rispett lil dina l- Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi l-intimat naqas milli jonora l-obbligi tiegħu pattwiti skond l-att pubbliku tal-21 ta' Marzu, 1998* (*recte*: 30 ta' Marzu 1999*) għal ħlas ta' manteniment versu bintu C D E;*

*2. Tiddikjara li l-intimat bħala missier C D E għandu l-obbligu li jmantni u jeduka lill-istess bint il-partijiet C D E b'effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri u dan billi jħallas somma rappreżentanti manteniment ġust;*

*3. Tillikwida, jekk ikun il-każ anke bin-nomina ta' periti nominandi, somma ossija lump sum rappreżentanti manteniment li għandu jkun pagabbli mill-intimat lill-atturi jew min minnhom bħala manteniment adegwat għall-bint il-partijiet inkluż l-arretrati mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabbilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif għandu jitħallas il-manteniment futur u ta' kif għandu jiġi rivedut u awmentat.*

*4. Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-atturi jew min minnhom dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba preċedenti u tordna illi dan il-manteniment jiġi*

*mnaqqas direttament mill-paga ossia introjtu tal-intimat mill-impjieg/xogħol tiegħu.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda ta' l-attriċi.

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni[2] ta' bejn il-partijiet, ppreżentat mill-attriċi mar-rikors ġuramentat tagħha;

Rat ir-risposta ġuramentata[3] ta' F E D magħruf ukoll bħala F D E li fiha eċepixxa kif ġej:

*Illi preliminarjament hu eccepit li dina l-Qorti hija inkompetenti ratione materiae, peress li t-talba tar-Rikorrenti hija wahda monetarja u cioè dwar allegat arretrati tal-manteniment naxxenti minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li kien gie maqbul mill-partijiet infushom u kien sar definit, u għalhekk mhux talba ghall-varjazzjoni ta' l-manteniment jew xi kundizzjonijiet ohra li rregolaw is-separazzjoni de quo.*

*2. Illi preliminarjament r-rikorrenti C D E, maggorenni u ghalqet it- tlieta u ghoxrin (23) sena, ma kinitx parti fil-kuntratt li rregola s-separazzjoni tal-genituri taghha u ghalkemm m'ghandhiex locus standi f'dawn il-proceduri.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-Rikorrenti ghall-arrerati ta' manteniment mid-data tat-twelid C D E hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili (Kap. 16, Ligijiet ta' Malta).*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-espozizzjoni tal-fatti msemmija fir-rikors guramentat, ir-Rikorrenti ma semmiet*

[2] Fol. 4.
[3] Fol. 16.

*xejn li z-zwieg taghhom kien mahlul wara proceduri li hija stess kienet gabet kif ukoll naqset li tinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi hija kienet iddikjarat* *<u>bil-gurament taghha</u>* *li ma kien hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment quddiem minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, meta din tal-ahhar staqsietha jekk kienx hemm kwistjoni dwar il-manenitment peress li ried jigi sodisfatt l-Artikolu 66 (B) (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u per konsegwenza biex ottjeniet il-hall taz-zwieg, ir-Rikorrenti kienet irrinunzzjat ghal kwalunkwe dritt ghal manteniment.*

*5. Illi l-ewwel talba tar-Rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li hu kien onora l-obbligi miftiehma fuil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella tat-30 ta' Marzu 1999 izda kienet ir-Rikorrenti stess li naqset li tonora l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-istess bl-ostakoli kollha li hija kienet holqot sabiex tbieghdu kompletament minn bintu.*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li l-manteniment miftiehem u accettat fil-kuntratt de quo ma kienx wiehed gust stante li kien miftiehem u accettat mill-partijiet u kien sar definit, biex b'hekk għandu jsaltan il-principju tal-pacta sunt servanda bejn il-partijiet u ma hemm ebda htiega li ssir revizjoni u awment tal-manteniment miftiehem u accettat mir-Rikorrenti.*

*7. Illi l-Esponent m'għandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut;

Rat li fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2021[4] ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju u ordnat illi fl-ewwel lok tisma' l-provi dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet;

Rat li fl-udjenza tal-24 ta' April 2023[5] irrevokat l-inkarigu ta' Dr Abigail Critien peress li din ġiet elevata għall-Maġistratura u ssostitwietha b'Dr Marita Pace Dimech bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda mressqa u d-dokumenti eżebiti minnhom;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[6] dwar l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. **L-azzjoni odjerna**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha arretrati ta' manteniment *stante* li wara li l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fejn kienu ftehmu illi l-konvenut jivversa manteniment favur wild il-partijiet (li fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt kellha ħames xhur u nofs) fl-ammont ta' ħmistax-il lira Maltin (LM15) kull ġimgħa, il-konvenut allegatament naqas milli jagħmel dan u qatt ma ħallas manteniment lill-attriċi omm għal binthom C.

Din hija sentenza dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

(i) L-ewwel eċċezzjoni

---

[4] Fol. 20.
[5] Fol. 59.
[6] Verbal a. Fol. 64.

Fl-ewwel eċċezzjoni l-konvenut jgħid illi l-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae*, peress li t-talba tal-attriċi hija monetarja, dwar l-allegat arretrati ta' manteniment naxxenti minn kuntratt ta' separazzjoni u mhux talba għall-varjazzjoni tal-manteniment jew xi kundizzjonijiet oħra li jirregolaw is-separazzjoni.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti tara idoneju illi tibda billi telenka fiex tikkonsisti l-kompetenza mogħtija lilha permezz tar-Regolament numru 4 tal-Liġi Sussidjarja 12.19[7] u l-iSkeda tar-Regolament 2(a) tal-Liġi Sussidjarja 12.20[8], *ċioé*:

*"Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':*

*(a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;*

*(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;*

*(ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;*

*(d) l-Att dwar iż-żwieġ u*

*(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri".*

Jingħad illi, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili huwa '*Fuq il-Persuni*', u: (i) Titolu I tal-Ewwel Kapitolu jitratta '*Jeddijiet u d-Dmirijiet li jitnisslu miż-Żwieġ*', (ii) Titolu II tal-Ewwel

---

[7] Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili, tas-16 ta' Diċmebru 2003.

[8] -Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), tas-16 ta' Diċemebru 2003.

Kapitolu jitratta '*l-Filjazzjoni'*, u (iii) Titolu IV tal-Ewwel Ktieb jitratta '*is-Setgħa tal-Ġenitur'*.

Artikolu 9 tal-Avviż Legali 397 tal-2003[9] jgħid f'Artikolu 9 illi

*"(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti*

*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom; jew*

*(b) manteniment bejn il-konjuġi; jew*

*(c) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew*

*(d) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament;*

*dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni.*

*(2) Il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4."*

Fil-kawża fl-ismijiet **DG f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri E u I vs JD**[10], il-Qorti qalet:

---

[9] Regolamenti ta' l-2003 dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja).

[10] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-16 ta' Ottubru 2023, (Rik. Nru 241/2018JPG).

“*Illi din il-Qorti sejra issa tindirizza l-eccezzjoni tal-intimat u cioe' kompetenza rationae materia sabiex tisma' it-tielet talba. Illi t-tielet talba attrici kif dedotta fir-rikors promotur hija s-segwenti:*

*Tiddikjara li l-konvenut ghandu jirrifondi w b'hekk jillikwida mill-inqas nofs l-ammont tas-somma indikata ta' erba t'elef hames mija w erbghin Euro w erba w sittin centezmu - €4,540.64 – u/jew somma verjuri kif ukoll l-infieq addizzjonali li gew u qed jigu inkorsi a Deficcju tal-minuri ulied il-partijiet favur l-esponenta ghas-sena 2017 u ghas-sena kurrenti ta' 2018 u dan skond il-prospett li ghandu jigi esibit fil-mori tal-kaz;*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tardiva tieghu, il-konvenut jirrileva illi gialadarba it-tielet talba hija purament "money claim" ghall-arretrati ta' spejjes tal-edukazzjoni u sahha, dawn ma jaqghux fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, bhala Qorti tal-Familja, izda jaqghu fil-kompteneza tal-Qorti Civili, senjatament il-Prim Awla tal-Qorti Civili, jew il-Qorti tal-Magistrati Malta) jew it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza Carmel sive Charles Farrugia vs Mariella Azzopardi (Rikors Guramentat 265/2011 MCH) decisa nhar is-6 ta' Ottubru 2011:*

*Ir-regolament 4 meta jitkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16). Li jinteressa lil din il-Qorti ghal din il-vertenza hi Titolu I li jitkellem dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, manteniment tal-axxendenti u dixxendenti u separazzjoni personali cioe r-ragunijiet, modalita ta' separazzjoni w effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju inkluz is-successjoni.*

*Inoltre fl-iskeda tal-istess Avviz Legali nsibu klawsola 9 li tghid hekk: 9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti: (a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew (b) manteniment bejn il-konjugi; jew (c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew (d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-sub regolament; dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik iddiposizzjoni. (2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.*

*Din il-Qorti hasbet dwar dan fit-tul. Hu minnu illi l-kwistjoni quddiemha jitratta dwar kwistjoni familjari cioe nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti, separati, kif gia inghad b'kuntratt pubbliku. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi kull vertenza semplicement ghax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza specifika limitata u kif kien qabel, hi l-Qorti Civili Prim'Awla li hi vestita bil-kompetenza li tisma' l-kawzi kollha li ma jaqghux fil-parametri specifici tal-Qorti tal-Familja, jew il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Harsa lejn it-talba attrici ma tirrigwardax vertenza ta' separazzjoni in corso li bla dubbju kienet tinkwadra ruhha fil-poteri u mansjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Kaz tipiku gie mistharreg mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Agostino Farrugia vs Salvina Farrugia (9.02.2005). Il-kaz quddiem din il-Qorti hu differenti. Il-partijiet anzi l-attur mhux qed jittanta jbiddel dak miftiehem bil-kuntratt tas-separazzjoni li illum hu ligi bejn il-partijiet.*

*Mhux jattakka la l-manteniment dovut lil martu jew tal-wlied minuri u anqas il-klawsola fejn hu obbligat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u ancillari kif jirrizulta mill-istess kuntratt. Ma hemm ebda nuqqas ta' qbil kif irid l-artikolu 9 tal-iskeda ghall-Avviz Legali 397/2003 li minnu tohrog il-proposta konsegwenzjali da parti tal-attur li ghandu jigi mibdul jew imnehhi xi vinkolu li ntrabat fih fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri taghha fis-sentenza fl-ismijiet Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi deciza nhar it-3 ta' Ottubru 2008 mill-Imhallef Philip Sciberras, f'cirkostanzi li kienu jittrattaw rimbors da parti ta' wiehed mill-konjugi kontra l-konjugi l-iehor ta' spejjez inkorsi min wiehed mill-konjugi ghal minuri, spejjez kawtelati f'kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konjugi tenniet: Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li ghandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li ghadha in corso, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "Agostino Farrugia - vs- Salvina Farrugia", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta' dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn s-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni intentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza inkorsa. Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi Qorti ohra. Illi siccome it-talbiet jippresponu varjazzjoni jew kancellament tal-obbligi naxxenti minn*

*kuntratt, il-Qorti tqis li hija moghnija bil-kompetenza ratione materiae."*

L-istess il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **A Aic vs B C Aic[11]:**

"*The Court refers with approval to the judgments, quoted by plaintiff in his note of submissions, declaring that requests for the enforcement of rights and obligations arising from a contract of personal separation pertain to the competence of the Civil Court, First Hall and not of the Civil Court (Family Section). A Court of Appeal (inferior jurisdiction) judgement in the names "Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi" decided on the 3rd October 2008 states that:- "Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn is-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li qed jintalab bl-azzjoni ntentata kien biss u semplicement l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza nkorsa……………Ghal dan il-ghan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenoche non si tratta minn domanda ghall-varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skont il-materja jew il-valur tat-talba…..Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi qorti ohra. L-eccezzjoni ta' l-inkompetenza qieghda ghaldaqstant tigi rigettata." (emphasis by this Court). (Vide also: "Luisa Pedroni vs Pietro Blasina" - Civil Court, First Hall – 19th January 2012)"*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern</u>*

Għalkemm l-attriċi fir-rikors ġuramentat tilmenta illi *s-somma indikata bħala manteniment indikat fl-att ta' separazzjoni hija waħda kompletament inġusta u ċertament ma tirrispekkjax ir-realta dwar kemm għandu jkun manteniment xieraq għat-trobbija ta' wild, speċjalment f'ċirkostanzi fejn il-missier kien*

[11] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-20 ta' Marzu 2014, (Rik. Nru 161/2013RGM).

*totalment assenti mir-responsabbiltajiet tiegħu versu l-wild;*[12] imbagħad ma ssegwix dan b'talba għall-varjazzjoni tal-kuntratt fit-talbiet tagħha. Għaldaqstant il-Qorti hija kostretta tqis it-talbiet bħala tali li jitolbu l-Qorti tordna l-konvenut jottempra ruħu mal-obbligi kontrattwali assunti minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni fir-rigward tal-manteniment.

*In oltre*, jekk wieħed iqis illi fil-mument li ġiet intavolata l-kawża, bint il-partijiet kienet għalqet it-tlieta u għoxrin (23) sena (għalkemm il-ġurnata u x-xahar tat-twelid qatt ma ġew kkwotati), mela allura ma kienx każ illi l-omm tieħu iktar manteniment mingħand il-missier għal binthom. Isegwi allura li dak li qed titlob fl-ewwel talba huwa manteniment b'lura, mid-data tal-kuntratt għaliex allegatament il-konvenut naqas mill-obbligi kuntrattwali u fil-bqija tat-talbiet mid-data tat-twelid. Dan ifisser illi l-omm qed titlob rifużjoni ta' dak li kellha tħallas hi (għaliex passat u għalhekk diġà nkorrietu) għaliex il-missier ma ħallasx dak li l-kuntratt u anke l-liġi tobbligah li jagħmel.

Kwindi, kif diġà spjegat, għandna sitwazzjoni fejn *non si tratta* l-varjazzjoni ta' kuntratt iżda tiftix ta' parti lill-parti l-oħra sabiex tottempra ruħha mal-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat snin ilu bejn il-partijiet fejn fost l-oħrajn il-partijiet ftehmu dwar il-manteniment ta' binthom li dak iż-żmien kellha ħames xhur u nofs. Hawnhekk l-attriċi, għalkemm ma xehditx f'dan is-sens qiegħda tallega fir-rikors ġuramentat tagħha illi l-konvenut qatt ma taha manteniment għal bintha kif mifthiem fil-kuntratt ta' separazzjoni illi huma ffirmaw.[13] Mhux kull vertenza sempliċement għax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza speċifika limitata u kif kien qabel, hi l-Qorti Civili Prim'Awla li hi vestita bil-kompetenza li tisma' l-kawżi kollha li ma jaqgħux fil-parametri speċifici tal-Qorti tal-Familja, jew il-

[12] Fol. 2.

[13] Kuntratt ta' separazzjoni ffirmat quddiem in-Nutar Dottor Nicholas Vella fit-30 ta' Marzu 1999.

Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Meta parti tfittex lill-parti l oħra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti din ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, bħal fil-każ ta' domanda għal varjazzjoni jew kanċellament li ma teżistix f'dan il-każ. F'dan il-każ ma hemmx nuqqas ta' qbil kif irid l-Artikolu 9 tal-iskeda għall-Avviż Legali 397 tal-2003. Jirriżulta għalhekk kif anke ngħad fil-ġurisprudenza kwotata, illi l-forum kompetenti m'huwiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) iżda l-forum idoneju skont il-materja jew il-valur tat-talba.

Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li din il-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae* sabiex tisma' din il-materja għaliex hija l-Qorti Ċivili li għandha l-kompetenza tisma' tali materja kif jirriżulta mill-Liġi u ġurisprudenza nostrana.

Il-Qorti għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li hija inkompenti *ratione materiae* milli tisma` u tiddeċiedi din il-kawża.

GĦALDAQSTANT u tenut kont tar-raġunijet premessi, din il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawża jiġu rinvijati lill-Onor. Prim' Imħallef sabiex ai termini tar-Regolament 8 tal-Liġi Sussidjarja 12.19, jigi deċiż liema Sezzjoni tal-Qorti Ċivili għandha tkompli tisma' u tiddeċiedi l-kawża

Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza preliminari *a karigu* ta' l-attriċi.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur